MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2009

Numru. 576/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR TREVOR MICALLEF**
**KONTRA**

**CARMELO PACE**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Carmelo Pace ta' 40 sena, bin Emanuel u Maria Assunta nee' Farrugia, mwieled nhar it- 18 ta' Ottubru 1968, Pieta', residenti fil- fond Tal- Majna F/H, Triq il- Wied, Zejtun u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 445968(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli nhar is- 27 ta’ Marzu 2009, ghal habta tas- saghtejn u nofs ta’ wara nofs in- nhar, minn gewwa vettura li kienet ipparkjata fi Triq il- Mediterran, Pembroke, ikkommetta serq ta’ mobile phone tal- marka Sidekick LX, ghad-dannu ta’ Clarissa Pace, liema serq huwa kkwalifikat bl-ammont (aktar minn €233 pero anqas minn €2330 u bix-xorta ta’ haga misruqa).

Il- Qorti hija mitluba sabiex f’kaz ta’ htija titratta mal-imputat bhala persuna recediva.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat irregistra ammissjoni ghal din l-imputazzjoni, u ghalhekk il-Qorti tista’ tghaddi biex taghti s-sentenza fil-konfront tieghu u tikkunsidra l-piena. Qabel xejn il-Qorti tirrileva li l-addebitu tar-recidiva m’huwiex applikabbli ghal dan il-kaz, peress illi r-reat li tieghu kien wehel perijodu ta’ prigunerija sospiza kien reat involontarju, u ghaldaqstant, ai termini tal-Artikolu 52 tal-Kap 9, dan m’huwiex applikabbli. Dan jirrisulta mill-fedina penali esebita fl-atti. Ghalhekk, ir-reat li tieghu qed iwiegeb ghalih l-imputat huwa dak ta’ serq aggravate bil-valur u x-xorta tal-haga misruqa, minghajr ir-recidiva.

Kwantu ghar-reat innifsu, ghalkemm ma hemmx qbil ma' kif sehh ir-reat ta' serq, jibqa' l-fatt li l-imputat gie fil-pussess tal-"mobile phone" mertu ta' dawn il-proceduri. Di fatti llum dan gie ritornat lil sidu. Li ma hemmx qbil dwaru hu jekk fil-fatt l-imputat hax il-"mobile" minn go vettura pparkeggata, jew, kif qed isostni l-imputat, jekk sabx il-"mobile" fuq il-blat u qabad u hadu. Ghall-finijiet ta' piena, il-Qorti rat illi l-imputat ammetta mal-ewwel mal-Pulizija u minnufih irritorna l-"mobile" li kien fil-pussess tieghu. Ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma li ghandu jkun hemm mitigazzjoni fil-piena. Il-Qorti rat ukoll li l-imputat fehem li zbalja, u fil-fatt talab skuza ghall-incident kollu.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l-Artikoli 261, 267, 271, 49, 50 u 52 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lil imsemmi imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------